Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,074, 23 ta' Ġunju, 2023

Taqsima B

A.L. 127 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Mediterranean Agro-Ecosystems Management taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Mediterranean Agro-Ecosystems Management u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Mediterranean Agro-Ecosystems Management – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 358 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Rural Sciences and Food Systems taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Rural Sciences and Food Systems taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Bord tal-Istudju" tfisser il-Bord tal-Istudju responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u għall-organizzazzjoni tal-Kors, appuntat mis-Senat;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Rural Sciences and Food Systems;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Rural Sciences and Food Systems; u,

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019."